# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 29 ta' April 2021**

Appell numru 249/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Consiglio ABELA**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-25 ta' Novembru 2020 fil-konfront ta' Consiglio ABELA detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 34162M li ġie mixli talli fl-aħħar ġimgħat u l-ġranet ta' qabel l-24 ta Marzu 2020 kif ukoll fil-ġranet preċedenti, ġewwa Ta' Vestru, Ta' Lombardi, Ta' Marju, limiti ta' Marsakala, mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel il-ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li ppretenda li għandu ġiegħel b'awtorita' tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew esegwixxa obligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Rita Abela fil-pussess ta'

ħwejjiġha bxi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-imputat ħati tal-unika imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u imponiet multa ta' sebgħin Ewro (€70) u ordnat lill-imputat irodd kopja taċ-ċavetta tal-propjeta' in kwistjoni lil Rita Abela sa żmien tlett ġimgħat mid-data tas-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant appella minn din is-sentenza, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena u dan wara li stqarr is-segwenti:

    i. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti li wassalha sabiex erronjament issib ħtija fl-appellant. Dan għaliex il-Qorti tal-Maġistrati sabet ħtija fl-appellant għar-reat taħt l-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali u ma kkunsidratx l-paragrafu segwenti li jinsab fl-istess subartikolu:

    > Iżda wkoll l-akkużat jista' jiddefendi ruħħu billi jagħti prova li tali azzjoni kienet magħmula bħala miżura temporanja meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.

    ii. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kkunsidratx il-gravita' potenzjali tal-każ in kwistjoni u li l-appellant ġenwinament kien qiegħed jgħix f'biża illi huwa jista' jerġa' jiġi aggredit fil-propjeta' in kwistjoni kif ġara propju f'Diċembru 2019. Il-fatt li huwa nstab ħati hija prova ċara li dawn il-provi ma ġewx ikkunsidrati u bis-sentenza illi ngħatat, il-Qorti injorat il-konsegwenzi u l-potenzjali perikoli li jista' jsofri l-appellant.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta’ reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-

[1] Tal-21 t’April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta’ l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed”, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe **l-Law of Evidence**.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

---

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> **L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.**[9]
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[10]

22. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi

[9] Emfasi ta' din il-Qorti.
[10] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

23. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala

għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

24. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

25. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar-

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

26. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

27. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-

Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

28. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

**Ikkunsidrat**

29. Illi nhar l-24 ta' Marzu 2020, il-Pulizija ġewwa l-Għassa taż-Żejtun daħlilhom rapport mingħand ċerta Rita Abela fejn din stqarret kif meta ġiet biex taċċedi għall-ġewwa kamra li hija għandha ġewwa għalqa li tinsab fl-inħawi ta' Ta' Vestru, Ta' Lombardi, Ta' Majru, limiti ta' Marsaskala, sabet li ma setgħetx tidħol għaliex kienet ġiet mibdula s-serratura tal-bieb li jagħti għal din il-kamra. Rita Abela stqarret mal-Pulizija li din l-għalqa hija propjeta' tagħha u ta' żewġha Consiglio Abela u qalet ukoll li kienu għaddejjin minn separazzjoni personali dak iż-żmien. Rita Abela qalet ukoll li l-aħħar li kienet aċċediet għall-imsemmija kamra kien fit-23 ta' Marzu 2020 u kwindi ġurnata qabel.

30. Il-Pulizija bgħatu għal Consiglio Abela u dan, wara li kkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, irrifjuta li jagħti l-verżjoni tiegħu ta' fatti iżda qal li kien sejjer jagħti spjegazzjoni l-Qorti. Il-Pulizija nfurmawh li kienu sejrin jittieħdu passi kontra tiegħu u jinħarġu akkużi fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tal-provi miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u li fuqhom dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tal-unika imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu meritu tal-ewwel aggravju tal-appellant.**

31. Ir-reat ta' ragion fattasi huwa regolat mill-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jaqra kif ġej:

Kull min bla ħsieb li jisraq, jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorita' tiegħu innifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jeżegwixxi obbligazzjoni tkun xi tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi talilma jew jieħu l-ilma għaliħ, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tlett xhur:...'

32. Is-sors legali li fuqu dan ir-reat huwa msejjes huwa l-Artikolu 168 tal-Codice per lo Regno delle Due Sicilie. Dan l-Artikolu fil-fatt kien jippreskrivi r-reat bħala vie di fatto u jsegwi[11] :-

Chiunque senza oggetto di furto o di recar danno per ingiuria, ma solamente per l'esercizio di un preteso diritto, obblighi altri al pagamento di un debito, o alla soddisfazione di un'obbligazione qualunque, o disturbi un'altrui possesso, demolisca fabbricati, devii acque e simili, e' punito col primo al secondo grado di prigionia, salve le pene maggiori nel case di un reato per se stesso maggiore.

33. Huwa ċar li l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali huwa pratikament identiku għal dak li kien viġenti fil-Codice per lo Regno delle Due Sicilie. Dan ifisser li għall-fini tal-interpretazzjoni ta' dan ir-reat, din il-Qorti tista' tagħmel riferenza għal ġurisprudenza mhux biss Maltija iżda anke dik li tolqot dan l-artikolu fid-defunt Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet u Kodiċi esteri oħra li kienu konsoni ma' dan it-test tal-Liġi Borbonika.

34. Illi fil-kawża **Il-Pulizija versus Eileen Said** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono intqal:-

Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva firRapport tieghu fir-rigward li :- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation

[11] 1 Napoli, Presso Angelo Trapani, 1819, fol 73 : De' reati contra l'amministr. pubblica, Sezione III, Dell'uso privato de' mezzi della pubblica' autorita'.

of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages.....” (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law” (Parti Speċjali) Vol. II).

35. Minn qari tal-każijiet li jittrattaw dan is-suġġett il-Qorti tara li l-Qrati Maltin ħadnu l-interpretazzjoni ta’ dan l-Artikolu kemm b’mod konsoni ma dak mistqarr mill-Awturi dwar il-Kodiċi Borboniku, kif ukoll interpretaw dan l-Artikolu fl-ambitu aktar wiesa’ tal-insenjament tal-Carrara, li kien qiegħed jikkummenta fuq il-Kodiċi Penali tar-Renju tal-Italja (jew il-Kodiċi Zanardelli). Dan jirriżulta li seħħ minħabba li għalkemm f’dawn il-Liġijiet ma hemmx l-identiċita tal-lokuzzjoni tar-reat, baqgħet somiljanza wisq kbira bejniethom fir-rigward tal-elementi prinċipali tar-reat de quo.

36. It-test tal-Kodiċi Zanardelli relattiv għar-reat ta’ ragion fattasi jaqra:-

286. Chiunque con violenze verso le persone, ed al solo oggetto di esercitare un preteso diritto, taluno a pagare un debito, o ad eseguire un' obbligazione qualunque, o, turba l’altrui possesso, demolisce fabbricati, devia abbatte alberi, siepi vive o ripari stabili sarà, punito:
1. Colla relegazione estensibile ad anni dieci, se, la violenza sarà, stata fàtta con armi ed'accompagnata da percossa o ferita;
2. Col carcere non minore di tre mesi, se si sarà fatto uso d'armi, ma senza percosse nè ferite ovvero se siano intervenute percosse o ferite, ma senz'armi;
3. Col carcere estensibile a tré mesi, se 'la violenza sarà seguita senza percossa o ferita e senza armi.

Alla pena del carcere sarà aggiunta una multa estensibile sino al doppio del danno recato.

Sono salve in tutti i casi le maggiori' pene pei reati per se stessi più gravi.

287. Se la demolizione di fabbricati, o la deviazione d'acque, o l'abbattimento di alberi, siepi vive o ripari stabili, fu bensì commessa allo scopo di esercitare un preteso diritto, ma non v'ebbe violenza verso le persone, il colpevole sarà punito con una multa non maggiore del doppio del danno recato.

37. Dan ir-reat isib postu taħt il-Capo 3 li jitratta r-reati li jikkostitwixxu disubbidjenza u nuqqasijiet oħra versu l-awtorita' pubblika. Il-Carrara jfisser dan ir-reat b'dan il-mod:

> La ragion fattasi (1) e' il delitto di chiunque – credendo di avere un diritto sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.[12]

38. Din id-definizjoni tirrifletti wkoll l-elementi tar-reat, li skont l-istess Carrara huma :

> 1. o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo – 2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto – 3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati – 4.o Mancanza di titolo piu' grave.[13]

39. Għalkemm ir-reat fil-Kodiċi Zanardelli mhux identiku għal dak misjub fil-Kodiċi Kriminali Malti u dak tar-Regno delle Due Sicilie, b'mod partikolari in kwantu jisħaq fuq element ieħor, ossija tal-vjolenza kontra persuna, l-elementi l-oħra, dak formali in primis jibqa' l-istess. Fil-kuntest legali Malti u dak Borboniku mhux meħtieġ li l-azzjoni tkun eżegwita bil-mezz tal-vjolenza. Iżda l-qofol tal-istess reat, kemm taħt il-Kodiċi Zanardelli kemm taħt dak Borboniku, jibqa' ppernjat fuq l-elementi li, fil-kuntest legali Malti, ġew elaborati mill-Qrati Maltin kemm f'sentenzi bħal dik mogħtija mill-Imħallef William Harding fil-każ **Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et** (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fil-kawża **Il-**

---

[12] Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale, Volum 5, Lucca, 1868, paġna 486, paragrafu 2849.

[13] bid. Paġna 487, paragrafu 2850

**Pulizija vs Anthony Zahra**, nhar l-20 ta' Ġunju 2014 li jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;
b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi.

40. Għalkemm din l-esposizzjoni tal-elementi tar-reat ta' ragion fattasi tirrispekja dak mistqarr mill-Carrara fuq il-Kodiċi Penali Taljan kif muri aktar il-fuq, il-Qrati Maltin abbraċċjaw ukoll l-interpretazzjoni t'awturi oħra, b'mod speċifiku dawk li jikkummentaw fuq ir-reat ta' ragion fattasi li kien misjub taħt il-Kodiċi Borboniku. Il-Qrati Maltin komplew jelaboraw kif il-fatti speċifiċi fil-każijiet speċifiċi għandhom jiġu interpretati sabiex ir-reat ta' ragion fattasi jkun jista' jiġi meqjus integrat.

41. Sabiex jiġi integrat ir-reat ta' ragion fattasi mhux biżżejjed li persuna tiġi turbata fil-pussess ta' fond jew jedd - ikun xi jkun dak il-pussess jew jedd – dment li jiġi pruvat li jkun hemm dak il-pussess jew jedd jew xi forma tiegħu. F'Malta, anke detenzjoni minn konjuġi ta' dar fuq mera tolleranza u li ġiet disturbata bl-azzjoni ta' bdil ta' serratura tal-bieb ta' barra dakinhar ta' meta l-Qorti iddekretat l-annullament taż-żwieġ bejn il-konjuġi, ġiet ritenuta li tintegra r-reat ta' ragion fattasi u dan peress li kien hemm l-istatus quo li ġie abbużivament u arbitrarjament mibdul bl-azzjoni unilaterali tas-suġġett attiv minflok ma rrikorra għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja.[14]

[14] Ara, **Il-Pulizija vs Joseph Bongailas**, Qorti tal-Appell Kriminali, 22 t'Ottubru 2001 fejn intqal li : Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.

42. Is-suġġett attiv ġie li si e' fatto arbitariamente ragione u mhux sempliċiment si e' fatto ragione da se'. Skont is-sentenza tal-Cassazione Penale, Sez. VI, sent. 11118 tat-22/11/1985 Mioli ġie deċiż li r-reat ta' ragion fattasi mhux intiż li jikkastiga chi si fa ragione da se' ma chi si fa **arbitrariamente** ragione[15] b'mod li jitturba l-istatus quo prevalenti fil-mument meta jsir l-att kriminali.

43. Skont il-Carmignani, li jikkummenta fuq il-Liġi fit-Toskana qabel l-unifikazzjoni tal-Italja, it-turbattiva tal-pussess ma tridx tkun waħda merament kostruttiva iżda jrid ikun hemm pussess **"attwali" u** li tkun l-azzjoni tat-terz li twassal għat-**turbattiva ta' dak l-istatus quo**: -

> 879 Si hanno esempi di questo delitto, 1. Se un creditore riscuote con violenza dal suo debitore la somma dovutagli; 2. Se una cosa mobile od immobile creduta propria vien tolta violentemente a chi ne e' in attuale possesso; 3. Se un colono, finita la locazione, ricusa di lasciare il fondo;....[16]

44. Din il-Qorti għalhekk trid tindaga wkoll x'kien l-istatus quo fil-perjodu rilevanti għall-kawża u jekk allura l-pussess reklamat mill-parte ċivile kienx wieħed attwali fis-sens hawn fuq deskritt. Skont **l-Arabia**[17] l-azzjoni tar-ragion fattasi mhix intiża li tissanzjona t-turbativa tal-pussess per se iżda tippenalizza l-użu ta' mezzi kompetenti lill-awtorita' pubblika bis-sostituzzjoni tagħhom bl-azzjoni unilaterali da parti tal-privat :

> Il che da una parte dimosta che il reato non ista' nella turbativa del possesso, ma nell'uso de' mezzi dell'autorita' pubblica. Ma perche' intervenga l'autorita' pubblica a porre in atto l'esercizio dell'altrui diritto,

[15] Hawnhekk il-Qorti tal-Kassazzjoni rriteniet li ma kienx ġie integrat ir-reat ta' ragion fattasi fil-każ fejn il-proprjetarju ta' stabbli biddel is-serratura ta' bieb t'aċċess għal uffiċini u b'hekk għalaq l-aċċess lillkerrejja tal-istess uffiċini u li kienu ġew inutilment diffidati milli jiżvolġu fil-fondi mikrija rispettivament l-attivita' li għaliha kienu krew u li wara ġew diffidati milli jwetquha

[16] 6 Enfazi mizjuda – Elementi di Diritto Criminale, Giovanni Carmignani, Traduzione italiana sulla quinta edizione di Pisa del Profs. Caruana Dingli, Milano, 1863, fol 318.

[17] I Principi del Diritto Penale applicati al Codice delle Due Sicilie, Francesco Saverio Arabia, Vol 3, Napoli 1858, Parte III, Art. 164 a 173, pagina 45.

sono fuor di dubbio necessariamente due cose, a) che il diritto sia reale, b) che ne sia controverso l'esercizio.

45. L-Arabia kien qiegħed jikkonċentra fuq il-Liġi Borbonika tal-vie di fatto - identika għal dik Maltija in materia - u li trid tiġi interpretata wkoll fl-isfond ta' dawk l-elementi li l-Qrati Maltin saħqu fuqhom matul is-snin – u li kif intwera' ibbażaw fuq ir-reat simili ħafna ta' ragion fattasi fil-Kodiċi Zanardelli.

46. Jirriżulta ċar, anke mill-ġurisprudenza fuq il-Kodiċi Penali Taljan, li l-oġġett ġuridiku tutelat mir-reat ta' ragion fattasi għadu dibattut u jifred lill-ġuristi fl-opinjonijiet tagħhom. Il-kurrent tradizzjonali jsostni li dan ir-reat huwa msejjes fuq il-vjolazzjoni tal-monopolju ġurisdizzjonali magħmula bl-azzjoni unilaterali tas-suġġett attiv billi dan, minflok - kif obbligat jagħmel - jirrikorri għallġurisdizzjoni tal-awtorita tal-Qrati, jagħżel li jaġixxi minn jeddu biex jieħu dak id-dritt li jippretendi li għandu mingħajr ma jadixxi lill-Awtorita Ġudizzjarja kompetenti. Hemm imbagħad il-kurrent ta' ħsieb l-ieħor li jikkonċentra aktar fuq l-aspett li l-offiż fir-reat tar-ragion fattasi huwa l-istatus quo tal-pussess tad-drittijiet; l-istatus quo intiż bħala l-istat ta' fatt fejn persuna tkun qed teżerċita dritt fuq oġġett anke jekk tkun titolari apparentia iuris, u fejn allura l-azzjoni turbattiva tas-suġġett attiv tiddisturba dan l-istatus quo ta' pussess anke bażat fuq apparentia iuris.

47. Inoltre, skont il-Carrara "qui continuat non attentat"[18] u dan jagħmel sens fil-loġika tal-Carrara u tar-reat innifsu għaliex skont kif jgħid l-istess awtur fil-paragrafu 2851 tal-Opra hawn fuq ċitata : -

L'atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di

[18] Ara Programma, Vol. 5, pagna 488

> chi non voglia non delinque; perche' la legge protegge lo stato quo, il quale non puo' variarsi tranne per consenso degl'interessati, o per decreto dell'autorita' giudiciale.

48. Dan huwa wkoll rifless fil-ġurisprudenza Taljana aktar reċenti minn fejn jirriżulta li : -

> Si e' conseguentemente precisato che ... autore del delitto puo' essere soltanto chi non si trova nel possesso della cosa, poiche solo in tal caso si puo' verficare quella turbativa nel godimento di fatto che costituisce uno degli elementi essenziali del reato (tra le piu' recenti, Cass. VI 13.11.81, Papa, G PEN 1982, II, 648; Cass. VI 7.5.85, Spallina', CP 1986, 1766; Cass. VI 26.3.85 Pirola, CP1986, 1935). In effetti, sopratutto dalla circostanza che il diritto deve essere si ricava come gli elementi sopra indicati descrivano innanzitutto come presupposto del reato l'esistenza di un conflitto di pretese, ovvero il requisito della contenziosita' del diritto.[19]

49. Anke taħt il-Kodiċi Borboniku kien importanti li tkun ravviżata din il-kontroversja jew kontenzjożita ta' drittijiet. Skont l-Arabia, din tirriżulta meta jkun hemm is-segwenti :

> Ma che s'intende per dritto posto in controversia? Ogni dritto il cui esercizio e' chiaramente e solennemente controvertito, sia con un fatto giudiziale, sia con un fatto materiale, che l'altro avea dritto almeno apparente di fare. Si supponga p.e. che Tizio abbia conceduto a Caio la facolta' di passare pel suo fondo per certo tempo e con certe condizioni. Se essi venissero in controversia sull'esercizio di questa facolta', e Caio citasse Tizio innanzi al magistrato per farsi conservare nel diritto di passaggio, Tizio incorrerebbe nell'art. 168 se facesse qualche opera per cui il passaggio fosse turbato. Abbia o non abbia diritto, viola la legge facendo cio' si spetta all'autorita' pubblica gia' invocata. Per lo contrario, se prima che Caio adisca il magistrato, Tizio pone una siepe o un cancello o altro segno visibile, che chiaramente pone in controversia la facolta' di Caio, questi incorre nell'art. 168, se invece di adire il magistrato, rompa la siepe o il cancello e passi, abbia o non abbia diritto. Nel che notisi che il porre il cancello che fece Tizio puo' essere ingusto, e quindi una turbativa del possesso di Caio, ma egli non puo' essere astretto che con la sole azione civile, perche' quando pose il dette cancello, non dove' distruggere alcun segno visibile del possesso di Caio, onde e' presunta buona fede, non essendovi stata controversia di cui vi siano segni tali, che tolgano ogni dubbio sulla volonta' dell' altro di contraddirgli il possesso, onde si debba aver ricorso all'autorita'. Gli elementi dunque del reato dell'art. 168 sono a) uno de' datti materiali in esso descritti, e tassativamente nominati, cioe' costringere a pagare un debito, turbare il possesso ec. b) che cio' sia fatto per l'esercizio di un dritto messo in controversia e cosi' che sia richiesta l'opera dell'autorita' pubblica

[19] Codice Penale, Tullio Padovani, op. cit. a fol 2611 taħt il-vuċi "soggetto attivo".

a deciderla, poco importando se questo dritto sia o non sia reale; solo che sia chiaramente controvertito.

50. Illi din il-ġurisprudenza hija riflessa fil-ġurisprudenza Maltija, li kif intwera, tqis l-elementi tar-ragion fattasi bħala li huma s-segwenti:-

a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi; Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu.[20]

51. B'hekk il-fatt li persuna jkollha titolu fuq il-proprjeta' ma jippreklud ihiex milli tkun passibbli għar-reat ta' ragion fattasi fil-każijiet kongruwi. Ir-reat jista' jissusisti wkoll f'każ li l-persuna affetta mill-azzjoni tas-suġġett attiv setgħa kellha biss is-sempliċi pussess jew detenzjoni tal-proprjeta in kwistjoni jew saħansitra meta sempliċiment ikollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-propjeta' in kwistjoni u, minħabba l-azzjoni tas-suġġett attiv, hi ma tkunx tista' tkompli b'dan l-użu jew tgawdija tal-istess oġġett. Infatti fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas**[21] il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat is-segwenti:

L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bħala aġir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament

[20] Ara **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn **Il-Pulizija vs. Mario Bezzina**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004**,** **Il-Pulizija vs. Michael Lungaro**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u **Il-Pulizija vs Eileen Said** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata d-19 ta' Ġunju 2002.
[21] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22 t'Ottubru 2001.

sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.

52. **Bongailas**, tkompli tgħid ukoll hekk :

> Anke jekk, u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss, hu minnu li l-kwerelanti kienu qed jabitaw fil-fond in kwistjoni fuq mera tolleranza, dan il-fatt wahdu, din il-koncessjoni da parti ta' l-appellant, hu bizzejjed biex juri li kellhom id-dgawdija ( u allura l-pussess ai termini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap.9 ) ta' dak il-fond. Dan ifisser li, ghall-anqas mill-aspett tad-dritt penali, huma qatt ma setghu jigu nnegati dan id-dritt ta'dgawdija bil-mod kif ghamel l-appellant, cioe' minghajr ma jirrikorri ghall-mezzi li taghtih il-ligi biex jizgombra lill-kwerelanti minn hwejjgu, u minflok, arbitrarjament jaghti lilu nnifsu dan id-dritt li jinnega dan l-uzu jew dgawdija lill-haddiehor li dan il-haddiehor indubjament kellu fuq dak il-fond. L-ewwel Qorti, ghalhekk, kellha kull ragun legalment, u anke ragjonevolment, li in bazi tal-provi li hemm hi setghet tiddeciedi kif fil-fatt iddecidiet.

53. Ukoll fl-appell **Il-Pulizija vs. John Vassallo**,[22] il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset illi:

> Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.

54. Skond sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Dimech**[23]:

> id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu.

55. Din il-Qorti tqis li jeżisti qbil bejn il-partijiet dwar il-fatt li l-proprjeta' in kwistjoni u ċjoe' l-għalqa li tinsab fil-limiti ta' Marsakala hija ta' proprjeta' fiż-żwieġ bejn l-appellant ABELA kif ukoll lill-martu

---

[22] Qorti tal-Appell Kriminali, preseduta mill-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi u datata 22 ta' Marzu 1991

[23] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

Rita Abela. Jidher ukoll li ż-żewġ konjuġi kellhom dritt t'aċċess għal din l-għalqa b'mod ġenerali kif ukoll għall-kamra li tinsab fiha. B'hekk dan id-dritt ta' aċċess seta' jiġi ristrett biss permezz ta' ftehim bejn il-partijiet jew bil-meżż ta' ordni ta' xi Qorti.

56. F'dan il-każ jirriżulta li għalkemm il-partijiet fil-kawża kienu għaddejjin minn separazzjoni personali, iż-żewġt miżżewġin Abela kienu jmorru f'din l-għalqa u t-tnejn li huma kellhom **iċ-ċavetta tal-kamra kienet fil-pussess kemm tal-appellant ABELA kif ukoll tal-parte leża, Rita Abela**. F'dan ir-rigward jixhed anki l-appellant stess fejn f'paġna 16 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk : -

**Difiża: Min kellu aċċess għal din il-kamra?**
**Xhud: Aċċess naħseb li hi e kellha**[24]
Difiża: U kien hemm xi ħaddieħor mill-membri tal-familja tiegħek?
Xhud: Le, le, le, jien u hi.
Qorti: Meta kellha aċċess hi, tista' tgħidli?
Xhud: Aċċess meta konna għadna tajjeb.
Qorti: Jiġifieri kienet tiġi hemmhekk hi?
Xhud: Ġieli kienet tiġi mat-tfal, u t-tfal.
**Difiża: Kellha ċavetta?**
**Xhud: Kellha ċavetta.**[25]

57. Il-fatt li Rita Abela kellha aċċess għal din il-kamra tikkonfermah hi wkoll meta fix-xhieda tagħha f'paġna 11 tal-atti proċesswali, tixhed hekk : -

**Pros: Issa, ċavetta ta' din il-kamra min għandu?**
**Xhud: Jien u hu.**
..../....
Pros: **Qabel l-24 ta' Marzu, tista' tispjega f'din l-imbierka kamra min kien jinżel?**
Xhud: Kienu jinżlu ħafna nies, hemm ħafna min imur: ta' ġewwa tiegħu, it-tifel tiegħi qabel kien imur, kuġinuh, ħutu, kulħadd. **Imma ma kinitx tkun imsakkra u kont nista' nidħol jiena, kelli l-aċċess għaliha.**[26]

[24] Enfasi ta' din il-Qorti.
[25] Enfasti ta din il-Qorti.
[26] Enfasi ta' din il-Qorti.

58. Għalkemm Rita Abela kellha dritt ta' aċċess għall-imsemmija proprjeta', il-pożizzjoni tagħha nbidlet minn dakinhar tal-24 ta' Marzu 2020 hekk kif hija ma setgħetx tidħol iktar fl-imsemmija proprjeta' għaliex kienet ġiet mibdula s-serratura. Hija tixhed kif **<u>sal-jum ta' qabel</u>** setgħet tidħol faċilment f'din il-kamra. B'hekk dan ifisser li t-tibdil fis-serratura seħħ bejn il-jum tat-23 ta' Marzu 2020 u dak tal-24 ta' Marzu tal-istess sena.

59. F'paġna 11 tax-xhieda tagħha, Rita Abela tixhed hekk :

> Xhud: Ġol-għalqa dħalt biex ngħaddi għal ġol-kamra. **Is-serratura kien hemm mibdula tal-kamra.**[27]
> Pros: U kif indunajt li s-serratura tal-kamra kienet mibdula?
> Xhud: Għax dan l-aħħar kien qed jitfi s-sistema tal-kameras u kull filgħaxija kont qed immur nixgħela u x'ħin ġejt biex nidħol nixgħela kienet magħluqa u nbidlet is-serratura.
> ..../....
> Pros: U tiftakar meta kienet din?
> Xhud: Fl-24 ta' Marzu.
> Pros: Ta' liema sena?
> Xhud: Ta' din is-sena.
> .../....
> **Pros: U mill-24 ta' Marzu?**
> **Xhud: Jien ma ftaħtx iżjed żgur għax inbidlet is-serratura.**[28]

60. In kontro-eżami, f'paġna 12 tax-xhieda tagħha tkompli tgħid hekk : -

> Difiża: Issa naqblu, ara inti fl-affidavit tiegħek qed tgħid li meta inti mort fit-23 ta' Marzu, kien kollox sew, inti mort l-għalqa u kien kollox sew?
> Xhud: Kont nidħol, nixgħel.
> Difiża: Naqblu. Mela fit-23 ta' Marzu kien kollox sew, naqblu wkoll?
> Xhud: Ehe.

61. L-appellant ukoll jixhed kif huwa kien bidel is-serratura ta' din il-kamra li kien hemm fl-għalqa u f'dan ir-rigward jgħid hekk f'paġna 17 tal-atti proċesswali :-

---

[27] Emfasi ta' din il-Qorti.
[28] Emfasi ta' din il-Qorti.

Pros: Mela, Sur Abela inti għadek kemm għidtilna illi l-mara tiegħek kienet tidħol f'din il-kamra. Issa hi xehdet hawnhekk li mill-24 ta' Marzu 'il quddiem ma setgħetx tidħol għaliex is-serratura nbidlet, naqblu?
**Xhud: Naqblu, għax bdiltha s-serratura.**[29]

62. Mill-assjem ta' din ix-xiehda jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet temmen li l-partijiet f'dan il-każ kellhom aċċess komuni għal din il-kamra fl-għalqa. Dik il-Qorti setgħet temmen b'mod ċert grazzi għax-xiehda ta' Rita Abela li s-serratura ġiet mibdula fl-24 ta' Marzu 2020. Rita Abela kienet tgawdi minn dak il-**pussess attwali** msemmi mill-Carmignani sabiex jiġi integrat ir-ragion fattasi.

63. Jirriżulta wkoll li konsegwenza ta' l-azzjoni ta' terz, f'dan il-każ dik ta' żewġha, li għażel mingħajr qbil bejn il-partijiet jew ordni mill-Awtorita Ġudizzjarja, li jbiddel is-serratura tal-kamra, il-parte leża Rita Abela sofriet **turbament fl-istatus quo** tagħha billi ma setgħetx iktar taċċedi għal din il-kamra.

64. Fl-appell kriminali **Bongailas**, il-Qorti tal-Appell Kriminali infatti qieset bħala ragion fattasi dak l-att estern li jimpedixxi lis-suġġett passiv tar-reat milli jkompli jagħmel **użu mill-fond li kien fil-pussess tiegħu** u dan indipendentement mit-titolu li kellu fuq dan il-fond diment dejjem li jiġi ppruvat li qabel seħħ l-ispoll, huwa kien hekk qiegħed effettivament igawdi mill-pussess ta' dak il-fond in kwistjoni.

65. Fi kliem Rita Abela kien wara l-24 ta' Marzu 2020 li hija ma setgħetx iktar tagħmel użu minn din il-kamra hekk kif is-serratura

---
[29] Emfasi ta' din il-Qorti.

nbidlet mill-appellant **u hija ma kinitx ingħatat kopja taċ-ċavetta l-ġdida**. Kif intwera diġa, il-Qrati Maltin saħqu li anke d-disturb fid-detenzjoni ta' xi ħadd li jkun qiegħed igawdi status ta' **mera tolleranza** jista' jwassal biex jiġi integrat ir-reat ta' ragion fattasi – aħseb u ara kemm jista' jiġi integrat dan ir-reat fil-każ fejn persuna jkollha jedd ta' pussess bħal ma ġie pruvat li kellha Rita Abela qabel ma ġiet hekk turbata b'azzjoni unilaterali tal-appellant.

66. Din il-Qorti tosserva wkoll kif indubjament, dan it-turbament fil-pussess sar **bid-dissens tal-parte leża** Rita Abela in kwantu li kieku kienet taqbel mal-appellant ABELA fid-deċiżjoni tiegħu li tinbidel is-serratura ta' din il-kamra la kienet tmur tirraporta dan l-inċident lill-Pulizija u lanqas kienet tixhed bil-mod kif xehdet fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

67. L-appellant **ippretenda** li kellu dritt jibdel is-serratura tal-kamra fl-għalqa għaliex dik l-għalqa kienet saret ir-residenza tiegħu u jgħid ukoll li anki l-karta tal-identita' tiegħu kienet turi l-indirizz ta' din l-għalqa bħala r-residenza ordinajra tiegħu : -

> Difiża: Inti minn dakinhar 'l hawn bqajt tgħix ġol-kamra?
> Xhud: Għadni sal-lum ngħix hemm.
> Difiża: Għadek sal-lum.
> Xhud: Għadni sal-lum ngħix hemm. **Dik hija d-dar tiegħi.**[30]

68. Issa l-appellant setgħa jagħżel li jibda joqgħod f'din il-kamra fl-għalqa bħala r-residenza tiegħu. Iżda meta kien qed jagħmel hekk huwa ma setgħax fl-istess waqt jibdel is-serratura tal-bieb tal-kamra u ma jħallix lil Rita Abela l-liberta tal-pussess li hija kellha qabel dak il-waqt. L-appellant juri li huwa kellu l-konvinzjoni li huwa kien

[30] Emfasi ta' din il-Qorti.

qiegħed jaġixxi bi dritt meta huwa biddel is-serratura tal-bieb tal-għalqa. Dan fil-fatt joħroġ bl-iktar b'mod ċar meta huwa jixhed fuq **il-motiv** ta' dak li waslu biex jibdel is-serratura tal-kamra : meta huwa jorbot din id-deċiżjoni tiegħu ma' inċident li kien seħħ fl-għalqa f'Diċembru 2019. L-appellant jispjega kif madwar tliet xhur qabel l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri hu u ibnu Dylan Abela - li huwa wkoll it-tifel tal-parte ċivile – kienu tlewmu, ġew fl-idejn u ibnu Dylan kien heddu b'arma.

69. L-appellant jixhed kif wara dan l-inċident huwa kellu saħansitra jagħmel xi operazzjoni f'wiċċu u li minn dakinhar 'l hawn kien baqa' jibża' li ibnu seta' jasal iweġġgħu billi juża l-armi li kienu jinżammu f'din l-istess kamra li tagħha huwa kien bidel is-serratura. L-appellant jixhed li kien għalhekk illi huwa biddel is-serratura tal-kamra fejn kienu jinżammu l-armi sabiex ibnu ma jkollu l-ebda aċċess għalihom u għalhekk ma jibqax jgħix f'biża għal ħajtu. F'paġna 17 tax-xhieda tiegħu jgħid hekk : -

> Xhud: F'Marzu ma bdiltix is-serratura, meta kien jidħol it-tifel fuqi bditlha umbagħad.
> Difiża: U meta kien jidħol it-tifel fuqek issa la?
> Xhud: Wara l-inċident,
> Difiża: Wara l-inċident meta?
> Xhud: **Wara l-inċident, sakemm bdilt is-serratura kien għadu jiġi, daqqa bis-senter barra jgħaddi minn maġenbi u daqqa jidħol fil-kamra.**[31]

70. Il-Qorti tosserva kif anki Rita Abela fix-xhieda tagħha f'paġna 13 taċċenna għall-ġlieda li kienet seħħet bejn l-appellant u binhom. Din il-Qorti tqis li l-appellant prova sal-grad tal-probabli li f'Diċembru 2019 tassew kienet seħħet ġlieda bejnu bejn ibnu Dylan. Fil-fatt Rita Abel tixher hekk : -

[31] Emfasi ta' din il-Qorti.

Difiża: Taf bl-eżistenza tal-armi fil-kamra?
Xhud: Għalhekk għamel l-indirizz hemm, biex iħalli l-armi, anke meta kien jorqod id-dar tiegħi.
Difiża: Taf bl-eżistenza tagħhom int Sinjura?
Xhud: Imma ma kienux qegħdin f'dik il-kamra, il-kamra kienet magħluqa **meta ġġieldu.**

71. L-appellant jixhed ukoll kif huwa kien mar jirraporta dan l-inċident mal-Pulizija iżda ma kienx qalilhom li ibnu kien heddu b'arma għaliex dak iż-żmien kien għadu jgħix fid-dar matrimonjali flimkien ma' martu u mat-tfal tiegħu u beża' li jagħmlulu xi haġa. L-appellant għalhekk kien ħass li hu kien intitolat li jaqbad u jibdel is-serratura tal-kamra fejn kienu jiġu miżmuma dawn l-armi sabiex jipproteġi lilu nnifsu minn theddid fuq ħajtu.

72. Din il-Qorti tifhem it-tħassib li l-appellant kellu minħabba dan l-inċident li huwa kellu ma ibnu – aktar u aktar jekk verament li ibnu kellu aċċess ukoll għal din il-kamra fejn kienu jiġu miżmuma dawn l-armi. Iżda r-rimedju li kellu l-appellant ma kienx dak li jibdel is-serratura mingħajr ftehim ma martu. Ir-rimedju li kellu kien jew li jiftiehem ma martu li jibdel is-serratura jew jekk din ma kienetx lesta li tinftiehem miegħu li jagħmel dan, jaqbad u jiftħilha proċeduri bil-Qorti biex ikun jista' jipproteġi l-interessi tiegħu bis-saħħa tal-Liġi; iżda mhux li jaqbad u jieħu l-Liġi b'idejh.

73. L-iżball li għamel l-appellant kien li minflok irrikorra għall-mezzi Legali sabiex jissalvagwardja ruħu kontra l-vjolenza li setgħet tiġi eżerċitata fuqu minn terzi huwa għażel li jieħu l-Liġi b'idejh billi biddel is-serratura tal-bieb tal-kamra fl-għalqa. **L-appellant jgħid li huwa kien irraporta dan l-inċident; u donnu għalhekk fehem li bis-sempliċi fatt li huwa kien għamel xi rapport mal-Pulizija allura dan kien ifisser li huwa issa seta' jaqbad u jibdel is-serratura**

**tal-bieb tal-kamra u b'hekk iżomm lil martu u lil ibnu Dylan milli jidħlu fil-kamra.** Meta għamel hekk l-appellant kien qiegħed jiżbalja. Ir-rimedju li kellu ma kienx dak li jbiddel is-serratura tal-bieb tal-kamra fl-għalqa u dan għaliex anke jekk, għall-grazzja tal-argument, kellu raġun minħabba l-argument li kellu m'ibnu Dylan, huwa spiċċa biex ħa t-tort meta għażel li jbiddel is-serratura tal-bieb tal-kamra fl-għalqa.

74. Din l-azzjoni unilaterali tal-appellant kienet tfisser biss illi huwa aġixxi bi xjenza u b'mod unilateralment meta kien konxju tal-fatt li dak li kien qiegħed jagħmel hu suppost kellu jieħdu tramite proċess legali. Il-Qorti tifhem li l-appellant seta' kien qiegħed jibża' li l-inċident imsemmi jerġa' jirrepeti ruħu u tħoss li kien leġittmu li bniedem f'dawk iċ-ċirkostanzi jħossu beżgħan; biss ir-rimedju tiegħu ma kienx li jieħu l-Liġi b'idejh iżda li jirrikorri lejn l-Awtorita Ġudizzjarja bl-urġenza mnissla mis-serjeta tal-fatti li kienu seħħew bejnu u bejn ibnu Dylan.

75. Mistqarr dan, jirriżulta li l-fattispecie jinkwadraw ruħhom fir-reat ta' ragion fattasi u ma jagħtux lok għal xi reat aktar gravi.

76. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li fil-kwadru probatorju aktar 'il fuq imsemmi, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fl-appellant għar-reat ta' ragion fattasi ai termini tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali. Il-kwistjoni mqajma fl-aggravju tal-appellant hija jekk u safejn pero l-azzjoni tiegħu – dato li setgħet kienet fil-fatt azzjoni li tiddisturba l-istatus quo bejn il-partijiet u allura potenzjalment integranti r-reat ta' ragion fattasi –

setgħet tkun imxejna bil-kawża ta' ġustifikazzjoni msemmija fil-proviso għall-artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali li jaqra hekk :

> Iżda wkoll l-akkużat jista' jiddefendi ruħu billi jagħti prova li tali azzjoni kienet magħmula bħala miżura temporanja meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor:

77. Dan il-proviso ġie integrat fil-Kodiċi Kriminali permezz ta' l-Att XXVIII tas-sena 2019 u ġie interpretat mill-Qrati Maltin bħala applikabbli f'sitwazzjonijiet fejn is-suġġett attiv tar-reat ikun irreaġixxa sabiex jikkawtela jew lill-persuna tiegħu jew saħansitra l-proprjeta' tiegħu minn xi forma ta' aggressjoni inġusta, gravi u inevitabbli u in virtu tal-prinċipju li skont l-insenjament ta' diversi ġuristi huwa rakkjuż fl-espressjoni legali **vim vi repellere licet**, u b'mod speċifiku fil-massima legali **qui continuat non attentat**.

78. Fil-kawża **The Police vs. Jane Deguara**[32] il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret hekk : -

> Appellant claims that what she did does not amount to the arbitrary exercise of a pretended right in violation of Section 85 of the Criminal Code. She claims that since her husband had gained possession of the house in an arbitrary way, all that she had done was to put her mother back in sole possession of the house, in other words, to revert to the status quo ante. This Court cannot, in the instant case, accept this argument.
>
> It is true that doctrine has long since laid down the rules expressed in the maxims vim vi repellere licet and qui continuat non attentat. As Giulio Crivellari states in Il Codice Penale per il Regno d'Italia interpretato sulla scorta ecc. UTET, 1895:
>
> **"La massima vim vi repellere licet, come l'altra qui continuat non attentat…escludono l'esercizio arbitrario**.[33] Egli e` percio` che se per togliere il mio diritto di passaggio si erigera` una siepe, in quello stesso momento avro` diritto di abbatterla, allora respingero` un arbitrio, ma non commettero` mai un atto arbitrario."
>
> Likewise Francesco Antolisei:

[32] Deċiża fil-5 ta' Diċembru, 2003.
[33] Emfasi ta' din il-Qorti.

**“L’ordinamento giuridico, infatti, ai fini della pace sociale, consente l’autotutela nei casi in cui si verifica il pericolo attuale di un attacco ingiusto, il che tradizionalmente viene espresso col principio generale vim vi repellere licet, e, nel caso specifico, con l’antica massima qui continuat non attentat.**[34] Pertanto, non commette esercizio arbitrario possessore di un fondo che, usando violenza, si oppone a taluno che violentemente cerca di occupare il fondo stesso. Nel conflitto delle pretese prevale l’interesse del possessore.”

79. Hekk ukoll intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Peter Paul Muscat**:[35]

> Carrara isostni li l-maxim maxim vim vi repellere licet “non è soltanto applicabile alla repulsa delle offese personali; essa si estende a qualunque repulsa di ingiusto attacco alla proprietà, quando la difesa si eserciti entro i limiti del moderame.”
>
> Dwar dan il-principju Professor Anthony J. Mamo isostni li: “No offence is committed if the agent has done the act in consequence of the necessity of defending his own possession rather than with the purpose of disturbing the possession of others”
>
> Illi pero’ din il-Qorti tipprovdi li sabiex dan il-principju jissusti huwa importanti li l-att biex tirripella il-forza f’dan il-kaz it- tibdil tas-serratura isir bla telf ta’ zmien u mhux gimgha wara kif gara f’dan il-kaz ta’ tibdil ta’ serratura f’ Jannar 2017. Din id-difiza ghalhekk qed tigi michuda ukoll.

80. Għaldaqstant, il-prinċipju **vim vi repellere licet** jista’ jsib applikazzjoni, mhux b’mod ta’ applikazzjoni ġenerali iżda jista’ jservi ta’ difiża f’ċerti każijiet limitati u kontemplati fil-Liġi. Dan jirriżulta mill-kitbiet tal-Professur Sir Anthony Mamo fosthom fil-Lectures in Criminal Law, l-ewwel Volum, paġna 101 et. seq. fejn il-Mamo anke jisħaq fuq il-fatt li fis-sisema Maltija l-prinċipju tal-użu tal-vjolenza biex tiġi mbegħda vjolenza opposta hija kundizzjonata u ristretta għal sitwazzjonijiet partikolari - li jistgħu jinkludu ċerti tipoloġija ta’ fattispecie fil-kuntest tar-reat ta’ ragion fattasi.

[34] Emfasi ta’ din il-Qorti.
[35] Deċiża fis-6 ta’ Novembru, 2018.

81. Madanakollu, ma jfissirx li kwalsiasi forma ta' aġir unilaterali bi ksur tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali jista' jaqa' taħt l-imsemmi proviso sempliċement għaliex f'moħħ is-suġġett attiv tar-reat huwa jkun qiegħed jaġixxi in leġittima difeża. B'rabta ma' dan, sabiex tirnexxi d-difiża **vim vi repellere licet** jeħtieġ li jiġi ppruvat li s-suġġett attiv tar-reat ma jkunx aġixxa bi pretensjoni ta' dritt sabiex jiddisturba lill-ħaddieħor fil-pussess ta' xi ħaġa iżda li jkun hekk aġixxa fl-interess li jiddefendi lilu nnifsu, lill-ħaddieħor jew lill-proprjeta' tiegħu minn attakk inġust.

82. Di piu', irid ukoll jiġi ppruvat li s-suġġett attiv tar-reat ikun aġixxa **tempestivament sabiex jirrespinġi tali perikolu/vjolenza u mhux ħafna żmien wara**. Fis-senteza supra ċitat **Il-Pulizija vs. Jane Deguara** intqal is-segwenti:

> It is clear from the above, however, that for the principles contained in these salutary maxims to be applicable, **the opposition to the threatened spoliation or the retaking of possession must be immediate.**[36] Thus, for instance, if the landlord has forcibly evicted the person in possession of the premises by changing the lock to the door of the said premises while the possessor was out, the latter may, on returning in the evening force again the new lock and retake possession of the premises. He would not be guilty of the offence under Section 85 of the Criminal Code. But if the person who was in actual possession does nothing as soon as he becomes aware of the change, he cannot return two, three or four days later and break into the premises in exercise of his pretended right to re-acquire possession of the place. The raison d'etre for the principles above mentioned is that because of the actual threat of spoliation one cannot have recourse to the proper authorities – one has acted immediately to retain or to re-acquire possession. But if there is a certain lapse of time, then the law requires reference to the proper authorities.

83. L-insenjament ġurisprudenzjali huwa tali allura li jirrkjedi **immedjatezza** fir-reazzjoni tas-suġġett attiv tar-reat sabiex jirrespinġi l-attakk inġust hekk soffert minnu jew mill-proprjeta' tiegħu. Anki d-diċitura adoperata mill-proviso titkellem fuq 'bżonn

[36] Emfasi ta' din il-Qorti.

attwali'. Għalhekk, kull xorta ta' reazzjoni sussegwenti għall-fatt, speċjalment meta jkun għadda ħafna żmien, ikun jammonta biss għall-ragion fattasi mhux ġustifikabbli taħt il-proviso.

84. Din il-Qorti tosserva kif nonostante li hemm qbil bejn il-partijiet li s-serratura ta' din il-kamra fl-għalqa ġiet mibdula mill-appellant, ma hemmx qbil fuq iż-żmien ta' meta dan effettivament seħħ. Dan għaliex meta wieħed jikkumpara x-xhieda tal-appellant ma' dik tal-parte leża jirriżulta kif filwaqt li martu Rita Abela ssostni li sal-ġurnata tat-23 ta' Marzu 2020 hija setgħet tidħol fl-imsemmija proprjeta', l-appellant jisħaq f'iktar minn okkażjoni waħda fix-xhieda tiegħu, li huwa bidel is-serratura wara l-inċident ta' Diċembru 2019.

85. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għalhekk kienet rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti dwar meta fil-fatt seħħ il-bdil fis-serratura tal-bieb ta' barra tal-kamra fl-għalqa. Qin il-Qorti tqis li l-verżjoni tal-parti leża hija iktar kredibbli minn dik tal-appellant dwar dan il-punt. Dan qiegħed jingħad għaliex jirriżulta ampjament ippruvat kif il-partijiet kienu għaddejjin minn separazzjoni personali kontenzjuża fejn il-piki bejnithom imorru oltre s-sempliċi bidla fis-serratura tal-bieb ta' kamra f'għalqa. Dak riżultanti mill-provi huwa li meta Rita Abela marret fl-għalqa fit-23 ta' Marzu 2020 għall-ħabta tal-1730 hija kienet sabet li kien kollox sew u ma rrapurtatx lil żewġha l-appellant ħlief l-għada fl-24 ta' Marzu 2020 wara li kienet marret għall-ħabta tal-1730 u dik id-darba sabet li s-serratura kienet ġiet mibdula. F'din il-klima fejn Rita Abela kienet qisha seqer fuq l-appellant, jekk verament l-appellant kien biddel is-serratura qabel Marzu 2020, din il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen li Rita Abela ma kienetx sejra ma tindunax u ma tirraportax il-bdil fis-serratura qabel.

Il-verżjoni tagħha li hija rrapurtat lill-appellant mal-ħaġra t-tajn hija aktar verosimili u konsoni.

86. Konsegwentement, din il-Qorti tqis li l-appellant ma pruvax sal-grad tal-probabbli li huwa aġixxa tempestivament sabiex jibdel din is-serratura. B'hekk huwa nieqes l-element ta' l-attwalita' li tirrikjedi l-Liġi sabiex il-proviso in kwistjoni jkun jista' jiġi invokat b'suċċess mill-appellant.

87. Għaldaqstant, il-Qorti tirrespinġi dan l-aggravju tal-appellant.

## Ikkunsidrat

88. Issa, f'materja ta' appell minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat il-Qorti tal-Prim'Istanza, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear

heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

89. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-

kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva.  Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta.  Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.  Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

90. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati.  F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-

Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

91. Mistqarra dawn il-prinċipji, din il-Qorti tqis li l-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-konfront tal-imputat qua appellant kienet fil-parametri legali preskritti mill-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali. Anzi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikat l-ewwel proviso tal-imsemmi artikolu liema proviso jagħti lill-Qorti d-diskrezzjoni li ma tapplikax il-piena karċerarja li jikkontempla s-subinċiż wieħed tal-imsemmi artikolu. Għalhekk, din il-Qorti ma tħossx li l-multa ta' sebgħin Ewro (€70) kienet b'xi mod inġusta jew manifestament eċċessiva.

92. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta tordna lill-appellant biex jagħti kopja taċ-ċavetta lil Rita Abela in kwantu dan kien obbligu ddettat mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85(2) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 377(5) tal-Kodiċi Kriminali japplikaw f'kull każ ta' sejbien ta' ħtija taħt is-subartikolu (1) u meta l-għemil tal-ħati jkun irriżulta filli persuna oħra tbati spoll il-qorti għandha tapplika d-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll. Sakemm ma jkunx hemm qbil mod ieħor bejn Rita Abela u l-appellant, jew sakemm ma jkunx hemm ordni mogħtija mill-Qorti kompetenti, Rita Abela kellha l-jedd li jkollha kopja taċ-ċavetta tal-bieb tal-kamra fl-għalqa.

93. Biss din il-Qorti trid tagħmilha ċara daqs il-kristall li din is-sentenza hija mingħajr ħsara għal kwalunkwe jeddijiet oħra li l-

partijiet jista' jkollhom; kif ukoll li d-dritt li Rita Abela jkollha ċavetta għall-din il-kamra fl-għalqa huwa dritt tagħha biss; u għandha toqgħod ħafna u ħafna attenta li ħaddieħor ma jagħmilx użu minn din iċ-ċavetta flokha: ċavetta żgħira u ħafifa, iżda li f'dan il-każ għandha piż kbir u tqil fuqha.

# Deċide

Konsegwentement, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**